MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2013

Numru. 279/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jurgen Vella]**

**vs**

**Antonella Vella**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Antonella Vella detentrici tal-karta tal-identita` numru 405784(M).

Akkuzata talli:
F’xi hin tal-lejl ta’ bejn it-28 ta’ Frar u l-1 ta’ Marzu 2013, gewwa Triq Mahtma Gandhi, l-Fgura, u f’dawn il-gzejjer, ikkomettiet serq ta’ diversi oggetti tal-merca kif ukoll stereo tal-marka Pioneer minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABS682 tal-ghamla Toyota liema serq huwa aggravat bil-hin, mezz, oggett tal-haga misruqa u valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u

sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema serq sar ghad-dannu ta’ Rueben Briffa mill-Fgura.

Rat it-talba sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputata, thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti pprezenati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat li l-imputat irregstrat ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontriha, fil-verbal tat-8 ta’ Lulju 2013, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista’ tirregola ruhha;

Rat il-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta; u

Rat illi l-imputata ghandha problema ta’ droga li qeghda tohrog minnha.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 17(d), 263, 267, 270 u 271(g) tal-Kodici Kriminali , qed issib lill-imputata Antonella Vella hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tikkundannaha ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn b’ordni ta’ supervizjoni tul dan il-perijodu.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tas-Supervision Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------